MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 41/2002/1

**Rosaria Debono, armla ta` John u b`digriet tal-Qorti tas-16 ta` Jannar, 2004 gew trasfuzi l-atti f`isem Celestina Camilleri peress illi Rosaria Debono mietet fil-mori tal-kawza u Celestina Camilleri, mart Vincent**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-16 ta` Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

Ghal snin twal l-atturi rrendew servizzi u pprestaw servigi varji kemm lill-konvenuta Rosaria Debono, illi tigi omm l-attur Carmel Debono, u kif ukoll lil John Debono, missier l-istess attur Carmel Debono;

L-imsemmi John Debono, missier l-attur Carmel Debono, miet fil-5 ta` Ottubru, 2001, u l-eredi universali tieghu

huma l-istess attur Carmel Debono u l-konvenuta l-ohra Celestina mart Vincent Camilleri;

Il-konvenuti gew debitament interpellati permezz ta` ittra ufficcjali datata 9 ta` Jannar, 2002 sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tal-kumpens dovut lill-atturi ghas-servizzi rezi u servigi prestati kemm lid-defunt John Debono u kif ukoll lill-konvenuta Rosaria Debono, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) tiddikjara illi l-atturi rrendew servizzi u pprestaw servigi kemm lill-konvenuta Rosaria Debono u kif ukoll lid-defunt John Debono illi tieghu l-konvenuta Celestina Camilleri hija wahda miz-zewg eredi universali;

(2) tiddikjara illi l-konvenuta Rosaria Debono hija responsabbli ghall-hlas tal-kumpens dovut lill-atturi ghas-servizzi minnhom lilha rezi u s-servigi minnhom lilha prestati;

(3) tiddikjara illi l-konvenuta Celestina Camilleri, bhala wahda miz-zewg eredi universali tad-defunt John Debono, hija responsabbli ghall-hlas tal-kumpens dovut lill-atturi ghas-servizzi minnhom rezi u s-servigi minnhom prestati lill-imsemmi defunt John Debono;

(4) tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi mill-konvenuta Rosaria Debono ghas-serizzi minnhom lilha rezi u s-servigi minnhom lilha prestati;

(5) tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi mill-konvenuta Celestina Camilleri, bhala wahda miz-zewg eredi universali tad-defunt John Debono, ghas-servizzi minnhom rezi u s-servigi minnhom prestati lill-imsemmi defunt John Debono;

(6) tikkundanna lill-konvenuta Rosaria Debono sabiex thallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-

Onorabbli Qorti rapprezentanti l-kumpens minnha dovut lill-istess atturi ghas-servizzi minnhom lilha rezi u s-servigi minnhom lilha prestati;

(7) tikkundanna lill-konvenuta Celestina Camilleri, bhala wahda miz-zewg eredi universali tad-defunt John Debono, sabiex thallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti l-kumpens minnhom dovut lill-istess atturi ghas-servizzi minnhom rezi u s-servigi minnhom prestati lill-imsemmi defunt John Debono.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tad-9 ta` Jannar, 2002 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha huma eccepew illi:

1. Fl-ewwel lok, l-atturi ghandhom jippruvaw illi l-konvenuta Celestina Camilleri hija eredi tad-defunt John Debono.

2. Fit-tieni lok, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante illi l-atturi ma rrendew l-ebda servigi lid-defunt John Debono u lill-konvenuta Rosaria Debono kif trid il-ligi, u fi kwalunkwe kaz, jekk kien hemm xi servigi rezi dawn kienu minuri u maghmula *familiaritatis causa,* u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Inoltre, u subordinatament kwantu ghas-servigi resi lid-defunt John Debono, dawn ghandhom jitqiesu ghall-perjodu ta` hames (5) snin sakemm giet prezentata c-citazzjoni odjerna.

4. Fir-rigward tas-servigi resi lill-konvenuta Rosaria Debono, dawn ghandhom jitqiesu ghall-perjodu ta` hames (5) snin meno z-zmien sakemm din ilha tirrisjedi l-Mtarfa Home, u cioe` minn madwar sentejn ilu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ghal-hlas ta` kumpens ghas-servigi rezi mill-atturi lill-genituri tal-attur, u cioe`, lill-John u Rosaria Debono. Is-servigi allegatament rezi lill-John Debono baqghu jigu hekk rezi sakemm dan miet, fil-5 ta` Ottubru, 2001, waqt li dawk rezi lill-Rosaria Debono baqghu jinghataw sal-habta tas-sena 2000, meta inqala` xi dizgwid bejn l-atturi u omm l-attur, u s-servigi naqsu drastikament, u kien hemm epoka fejn anke waqfu ghal kollox. Omm l-attur, Rosaria Debono, mietet fil-mori tal-kawza, u precizament fl-20 ta` April, 2002.

Jirrizulta wkoll illi fil-waqt li l-eredi ta` John Debono huma l-unici zewg uliedu, il-kontendenti Carmelo Debono u Celestina Camilleri, fi kwoti ndaqs, u dana skond testament minnu maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri tad-19 ta` Gunju, 1977, l-eredi ta` Rosaria Debono, hija biss il-konvenuta Celestina Camilleri, ghax lil binha l-attur hallietlu biss il-legittima, u dana skond testament minnha maghmul fil-21 ta` Frar, 2002, fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela.

Issa skond il-gurisprudenza lokali, talba ghal hlas ta` servigi hi bazata fuq kwazi-kuntratt, u hemm presunzjoni ta` hsieb ghall-kumpens sakemm ma jigix pruvat b`mod car, li ma kienx hemm dik l-intenzjoni – “Delicata vs Saliba”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta` Mejju, 1989. Peress li din l-azzjoni hi bazata fuq kwazi-kuntratt, mhux mehtieg prova tal-kapacita` u tal-kunsens ghall-assistenza da parti tal-beneficcjarju, ghalkemm ovvjament ma tridx tirrizulta oppozizzjoni ghal-prestazzjoni tas-servigi.

Kif jigri s-soltu f`kawzi ta` din ix-xorta, l-ahwa jaghtu versjonijiet differenti dwar minn assista lill-ġenituri u x`kienu l-entita` u l-portata ta` dawk is-servigi, f`kaz li tkun inghatat xi forma ta` assistenza. Minn analizi tal-provi, il-Qorti, pero`, hi sodisfatta li l-atturi irnexxielhom juru li huma rrendew diversi servigi lil John u Rosaria Debono, u dan tul medda ta` snin twal.

Jirrizulta li l-attur, wara li zzewweg mal-attrici fit-12 ta` Dicembru, 1976, baqa` jghix ma` martu fil-fond 65, Triq ir-Rebha, Rabat, li kien proprjeta` ta` John Debono, fil-waqt li l-konjugi John u Rosaria Debono baqghu jghixu fil-fond sottostanti, numru 64, Triq ir-Rebha, wkoll proprjeta` ta` John Debono. F`dak iz-zmien, il-konjugi John u Rosaria Debono ma kellhom bzonn ebda assistenza, ghax it-tnejn kienu kapaci li jiehdu hsieb lilhom nfushom. Ghall-habta tal-1992, Rosaria Debono kienet mardet u baqghet fi stat ta` *"semi-bedridden"*, sakemm eventwalment giet mixhuta f`*wheelchair.* Jirrizulta wkoll li John Debono kien ibati bl-azzma u maz-zmien din zvillupat fi *"chronic bronchitis"*. Din il-kondizzjoni ta` John Debono kienet tehtieg kura kontinwa u monuteragg regolari, u aktar ma ghadda z-zmien, aktar dan il-hsieb kien waqa` fuq l-atturi, specjalment wara l-1992 meta Rosaria Debono ma kienetx fi stat li tiehu hsieb zewgha.

Jirrizulta li l-kondizzjoni ta` John Debono kienet tirrikjedi attenzjoni kontinwa minhabba li kien ibati wkoll minn qtuh ta` nifs. L-atturi kienu regolarment jiehduh l-isptar jew il-*polyclinic*, skond il-kaz, u kienu huma wkoll li kienu jiehdu hsieb igibulu r-ricetta ghall-pilloli u jattendu fil-farmacija tal-Gvern biex jakkwistawlu l-istess pilloli. Huma jghidu li ftit li xejn kellhom l-opportunita` johorgu ghal-*parties* jew tigijiet, peress illi missier l-attur kien *prone* ghall-attakki u allura kellhom ikunu il-hin kollu vicin tieghu. Dan John Debono kien ukoll zmien fuq l-ossiginu, u kienu wkoll l-atturi li kienu hsieb jipprovdu dan. Dan John Debono kien ukoll ibati mill-vista, u apparti diversi operazzjonijiet li kellu jaghmel minhabba problemi f`ghajnejh, f`okkazzjoni minnhom, it-tobba kellhom jaqlawlu ghajn wahda u ipoggilu ghajn falza tal-plastic li kellha tigi mnaddfa

regolarment, liema xoghol kien, hafna drabi, issir mill-attrici. Biex imur sal-Knisja jew sal-Pjazza tar-Rabat biex joqghod jitkellem man-nies tal-lokal, kienet ukoll twasslu l-attrici. L-attrici kienet ukoll tipprocessalu l-ikel u dan peress li hu ma setax jomghod u jqatta` l-ikel hu b`halqu. Lejn l-ahhar ta` hajtu, dan John Debono kien ikollu bzonn anke ghajnuna biex jinhasel u jilbes, u hawn ukoll kienet tghinu l-attrici. Meta dan John Debono ikun irid johrog, l-attrici kienet tpoggilu siggu barra l-bieb, fejn kien joqghod jghaddi z-zmien b`radio li kellu jew jitkellem mal-girien.

Ghalkemm il-konvenuta tghid li missierha kien ta` spiss igerger maghha li l-atturi ma kienux ihalluh qatt wahdu u kien ihoss ruhu sikkat, ma jidhirx li l-atturi kienu qed jaghmlu dan kollu mieghu b`xi intenzjoni ulterjuri.

Mid-dokumenti esibiti jirrizulta li dan John Debono kien ta` spiss ikollu bzonn jidhol l-isptar, u r-riferenza kienet dejjem minhabba problemi fin-nifs u l-bronki. It-tabib J. Ferriggi, f`Lulju tal-2001, kien iccertifika li dan John Debono kien ibati minn marda kronika, li kien mehtieg ta` *"regular nebulizer treatment"* u peress li kien jiehu hsiebu l-attur, kien mehtieg li l-attur ma jigix ingaggat biex jaqdi d-doveri tieghu ta` gurat. Dan ic-certifikat inhareg fuq talba tal-attur wara li dan gie imsejjah biex jaqdi d-doveri tieghu ta` gurat quddiem il-Qorti Kriminali, u dik l-Onorabbli Qorti kienet, fil-fatt, ezentat lill-attur mill-obbligu li jaqdi dmiru ta` gurat precisament minhabba dan ir-rwol li kellu li jiehu hsieb missieru. Jirrizulta wkoll li t-tabib tal-familja, Dr. Alex Magri, ikkonferma li hu kien jigi regolarment imsejjah mill-atturi sabiex jezamina u jikkura lil John u Rosaria Debono. Dr. Elisabeth Xuereb, li kienet iservi fil-*polyclinic* tar-Rabat, ukoll tikkonferma li kienu l-atturi li kienu jmorru jkellmuha dwar il-kondizzjoni tas-sahha ta` John Debono. Din ikkonfermat wkoll dak li qalet l-attrici li din beda jkollha problemi f`darha minhabba t-tqandil kontinwu tal-genituri ta` zewgha. Habib ta` iben l-atturi, Chris Borg, ikkonferma li meta hu jkun ghand il-habib tieghu (Alexei Debono, iben l-atturi) kien jara lill-attrici tiehu hsieb u taqdi lill-John Debono f`dak kollu li kellu bzonn, u nnota wkoll li, f`xi okkazzjonijiet, dan kien jehtieg l-ossigenu li kien jigi somministrat lilu mill-attrici.

Ta` certa importanza hija x-xhieda ta` gara, certa Marianna Saliba, li ta` spiss kienet toqghod tpacpacc ma` John Debono meta dan kien ikun bil-qieghda barra ‘l bieb tad-dar. Kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenuta, din ix-xhud tghid li lill-genituri tal-attur dejjem rathom f`kundizzjoni ta` ndafa tajba u kienu jidhru li kienu qed jigu mdakrin sew. Hi qalet ukoll li John Debono kien ifahhar lill-atturi ghal kull ma kienu jaghmlu mieghu. Hi kienet ukoll gieli tara lill-attrici twassal lil John Debono sal-knisja jew sal-pjazza.

Ghalkemm il-konvenuta tallega li l-atturi kienu wkoll jiehdu hsieb kopja ohra, il-konjugi Azzopardi (li kienu joqghodu ftit passi ‘l boghod), u dan sakemm dawn mietu, ma jirrizultax li, jekk dan kien minnu, l-atturi ma setghux, fl-istess hin, jiehdu hsieb lil John u Rosaria Debono. Sakemm mardet din Rosaria Debono, din stess kienet tiehu hsieb isajjar u tnaddaf id-dar hi, u kien wara l-1992 li l-piz fuq l-atturi beda jizdied konsiderevolment. Ghal-ewwel, l-aktar li l-atturi kienu jaghmlu, fil-konfront ta` John Debono, kien li jwasluh u jgibuh mill-isptar jew mill-*polyclinic,* jiehdu hsieb l-akkwist tac-cillindri tal-ossigenu, u jahsbu ghall-assistenza medika meta ikollu bzonn u ghall-pilloli li kien jiehu fuq bazi regolari. Eventwalment, dan John Debono kellu bzonn assistenza personali, u kien hawn, ghax il-konvenuta ma riedetx terfa` l-parti taghha, u ghax il-kondizzjoni ta` Rosaria Debono bdiet tmur ghall-ghar, li l-atturi idecidew li jdahlu lill-Rosaria Debono fid-Dar tal-Anzjani gewwa l-Imtarfa.

Fil-fatt, ghar-rigward ta` din Rosaria Debono, jirrizulta li, ghal ewwel, din, kull ma kellha bzonn, kien assistenza ghal kura medika, pero`, meta ntefghet f`*wheel-chair*, l-assistenza li kellha bzonn mill-atturi zdiedet konsiderevolment. L-atturi kienu jqandluha ghal bzonnijiet taghha, u kienu wkoll johorguha ghall-arja fil-*wheel-chair*. Aktar gravi kien li, wara xi zmien, Rosaria Debono saret inkontinenti, kienet tbati bid-diarrejha, u kienet l-attrici li, ta` kull darba, kienet tahsilha u tbidlilha l-hrieqi. Kienu l-atturi wkoll li regolarment kienu jmorru jgibu l-hrieqi ghal Rosaria Debono mic-Centru tas-Sahha.

Wara li l-attrici sofriet *slip-disc* f`daharha minhabba t-tqandil tal-konjugi John u Rosaria Debono, bir-ragun, l-atturi iddecidew li jdahhlu lill-Rosaria Debono fil-*Home* (fil-fatt din idahlet fil-*Home* fis-16 ta` Gunju, 1999). Skond il-konvenuta, ommha ma tantx kienet kuntenta fil-*Home,* pero`, ma jidhirx li offriet li tehodha f`daharha. Waqt li Rosaria Debono kienet fil-*Home,* l-atturi kienu jzuruha b`mod regolari, kuljum filghodu, u meta kien ikollha bzonn tmur l-isptar (li kien kwazi kull gimghatejn jew tlett gimghat), kienu l-atturi li kienu jakkumpanjawha. L-assistenza li l-atturi kienu jaghtu lill-Rosaria Debono waqt li din kienet fil-*Home,* jikkonfermawha s-Sur Ray Mamo, li dak iz-zmien kien direttur tad-Dar tal-Anzjani tal-Mtarfa, u n-nurse Tessie Tabone, li kienet tahdem fil-ward ta` Rosaria Debono. Din ikkonfermat ukoll li kienu l-atturi li kienu jiehdu hsieb igibu l-pilloli li Rosaria Debono kien ikollha bzonn, u kienet l-attrici li kienet tiehu hsieb il-hasil tal-hwejjeg taghha, iggibilha xi haga tal-ikel (u dan peress li ghalkemm fil-*Home* huma kienu jitimawhom, l-anzjani jkunu iridu ikel *"tad-dar"*), u gieli wkoll tahsilha u tbidlilha. In-nurse ikkonfermat li din Rosaria Debono kienet inkontinenti, u li meta kienet tohrog ghal gurnata mal-atturi, kienu jkunu huma li kien ikollhom jiehdu hsieb inadfuha u jbidlulha l-hrieqi. Ta` certa importanza, hija dak li qalet din ix-xhud meta giet mistoqsija dwar jekk Rosaria Debono kienetx tgerger ghall-attrici; wara li qalet li gieli semghata tgerger, osservat minn jedda illi, *"Dwar dan nghid li l-pazjenti gieli jgergru u jghidu affarijiet li ma jkunux f`posthom"*, u b`hekk implicitament ikkonfermat li ghal dak li l-attrici ghamlet ma` Rosaria Debono, ma kienx jimmeritha tgergir.

L-assistenza tal-atturi lejn Rosaria Debono waqfet meta din, meta kienet qed tqatta` gurnata mal-atturi, bdiet tghajjat u tinsisti li ma riedetx tmur lura fil-*Home*. Dan kien fl-2000. Dak inhar inqala` incident u anke gew involuti l-Pulizija, izda l-atturi, anki minhabba sahhet l-attrici, ma setghux jiehdu hsiebha direttament huma, u, ghalhekk, regghu haduha fid-Dar tal-Anzjani, nonostante l-opposizzjoni taghha. Il-konvenuta tirreferi in estenso ghal dan l-incident, izda f`ebda stadju ma jidher li hi offriet li

tieghu lill-ommha d-dar taghha! Hi x`inhi, wara dan l-incident, il-konvenuta involviet ruhha aktar fil-kura ta` ommha, u l-assistenza tal-atturi lejn Rosaria Debono naqas drastikament.

Ghal kull bon fini, jinghad li l-assistenza li l-atturi kienu qed jaghtu lil John u Rosaria Debono giet konfermata wkoll minn ulied l-atturi, Alexei u Edmund ahwa Debono.

Fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqies li l-atturi jimmerithom kumpens ghas-servigi u assistenzi li huma taw lil John u Rosaria Debono mill-1992, sal-2001 fir-rigward ta` John Debono, u sal-2000, fir-rigward ta` Rosaria Debono.

Il-fatt li l-attur Carmel Debono stqarr li s-servigi gew minnu resi minhabba r-rispett li kellu lejn il-genituri tieghu, ma jnaqqsu xejn mid-dritt tieghu li jitlob kumpens. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Farrugia vs Camilleri”, deciza fid-29 ta` Frar, 1996, *“il-fatt li l-attrici qalet li x-xoghol ghamlitu ‘ghax hi ommi’, ma jwaqqax il-presunzjoni li l-attrici xorta kellha l-hsieb li tigi kompensata”*. Kif intqal ukoll fil-kawza “Attard vs Attard”, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta` Ottubru, 1989, *“rigward il-kwistjoni ta` servigi rezi l-pozizzjoni skond il-gurisprudenza ricenti hija li anke rigward dawk prestati minn parenti, il-prezunzjoni hi li ‘kwalunkwe servigi ghandu jigu ritenuti pprestati bi speranza ta` kumpens’. Biex taqa` din il-prezunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`. L-intenzjoni tal-gratuwita` u rinunzja ghall-kumpens ghas-servigi m`ghandhomx jigu akkolti facilment”.* F`din il-kawza, din il-Qorti ma jidhirlix li jirrizultaw fatti u cirkustanzi li juru konkludentement li ma kienx hemm il-hsieb da parti tal-atturi li jithallsu ghas-servigi minnhom rezi.

Ghar-rigward tal-quantum tal-kumpens, kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Vassallo vs Aquilina”, deciza fid-29 ta` Gunju, 1982, *“wiehed ghandu jzomm f`mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi, (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet, u (iii) il-parentela ta` l-attur mal-konvenuta li turi li ma kienx jippretendi kumpens kbir”*.

Kif qalet din il-Qorti wkoll fil-kawza "Agius vs Galea", deciza fit-12 ta` April, 1996, *"fil-fissazzjoni tal-kumpens irid jittiehed in konsiderazzjoni n-natura tas-servigi prestati u l-istat socjali u ekonomiku tal-beneficcjarju".*

Mill-provi, ma jirrizultax précis x`kienu il-mezzi finanzjarji tal-konjugi John u Rosaria Debono, pero`, ma jidhirx li din il-familja kellha livell gholi ta` ghixien, u l-istat ekonomiku taghha kien wiehed moderat. Bhala proprjeta` kellhom il-fondi 64 u 65, Tirq ir-Rebha, Rabat, u kellhom, wisq probabbli, xi eluf f`liri maltin imfadlin.

Fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qrati taghna joqghodu attenti li jzommu l-kumpens fil-moderazzjoni, u qatt ma jaghtu kumpens ekwivalenti ghal hlas li kien isir kieku dik l-assistenza inghatat minn barrani ingagat regolarment, u dan peress li s-servigi resi bejn qraba jkollhom element ta` gratwita` moghtija *pietatis vel familiaritatis causa.*

Fil-kawza "Catania vs Agius", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta` Dicembru, 2003, u li tat ukoll rassenja storika ta` kif gew likwidati s-servigi mal-kors taz-zmien, il-Qorti ikkonkludiet ukoll illi:

*"… wiehed jista` jsib illi l-kumpens akkordat ma jkun qatt f`ammonti fenominali u dan peress li s-servizi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta` parentela bejn il-partijiet u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta` servigi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza* Delicata vs Saliba *deciza fit-22 ta` Mejju, 1989 hi bazata fuq kwazi kuntratt u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjaru u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li ftit jew wisq inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz"*.

Hekk, per ezempju, fil-kawza "Buhagiar noe vs Mifsud noe", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta` Frar, 1983, kien giet determinat kumpens ta` Lm1352 bhala kumpens ghal

hdax-il sena servigi resi minn bint lejn missierha; fil-kawza "Agius vs Galea", gia imsemmija, il-Qorti illikwidat Lm1500 bhala kumpens ghal bint li ghal diversi snin kienet iddur b`missierha marid, u fil-kawza "Caruana vs Mallia", deciza minn din il-Qorti fil-25 ta` April, 2002, il-Qorti akkordat Lm1,500 bhala kumpens lill-attrici li ghamlet bosta snin tirendi kuri u prestazzjonijiet lil zewg kugini taghha. Fil-kawza "Vella vs Borg", deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fis-16 ta` Settembru, 1994, l-atturi li rrendew servigi ghal 19 il-sena shah, inghataw is-somma totali ta` Lm2,938 bhala kumpens. Ovvjament, kull kaz jiddependi mill-fattispecie tieghu, izda dawn id-decide huma indikattivi tal-mod kawt kif il-Qrati taghna jillikwidaw il-kumpens ghas-servigi resi.

Barra minn dan, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Cutajar vs Vella", deciza fis-6 ta` April, 1982, wiehed irid jikkunsidra wkoll xi beneficcji jew kumpensi gawduti mill-qaddej. F`dan il-kaz, hemm prova li l-atturi hadu xi oggetti mobbli li kienu jappartjenu lil John u Rosaria Debono, fosthom *grandfather clock* li jiswa Lm250. Oltre dan, wara l-1999, meta Rosaria Debono ddahlet fid-Dar tal-Anzjani gewwa Mtarfa, John Debono kien jaghti lill-atturi s-somma ta` Lm50 fix-xahar bhala ghajnuna. Il-konvenuta tghid li missierha kellu zgur xi Lm3,000 mitluqa fid-dar, liema flus *"sparixaw"* wara l-mewt tieghu. Provi konkreti dwar l-esistenza ta` dawn il-flus fil-gurnata tal-mewt tieghu, pero`, ma gewx imressqa. Li hu zgur hu, li ghal 25 sena shah, l-atturi kienu qed jghixu fid-dar ta` John Debono u kienu jhallsu kera baxxa ta` Lm15 fis-sena. Fattur iehor li jrid jigi kunsidrat ghal kaz ta` John Debono, hu li l-attur Carmel Debono huwa ko-eredi tieghu ma ohtu il-konvenuta, u konsiderando li dak li hu dovut ghal servigi rezi huwa dejn tal-assi tad-decujus (ara "Ellul vs Gauci et noe", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta` Frar, 1983), izda jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu, u l-attur ma irrinunxjax ghal wirt ta` missieru, hu stess irid ibati kwart ta` dak li hu dovut mill-kommunjoni bhala dejn ghas-servigi resi lil John Debono (kif se jigi spjegat aktar 'l quddiem). Meta wiehed, allura, iqies in-natura tas-servigi rezi lill-John Debono, il-beneficcji li hadu l-atturi, u li l-konvenuta, f`kull kaz, hi responsabbli ghal sehem ta` tlett-

kwarti, din il-Qorti tqis li ebda kumpens ma hu ulterjorment dovut lill-atturi mill-konvenuta ghall-prestazzjonijiet maghmula mill-atturi lill-mejjet John Debono.

Ghar-rigward ta` Rosaria Debono, l-eredi taghha hija biss il-konvenuta, u dana peress li, kif inhu risaput, il-legittimarju mhux eredi u ma jkomplix il-personalita` tad-decujus. F`dan il-kaz, meta tqis li assistenzi li l-atturi wrew maghha, specjalment minhabba l-inkontenenza taghha, u meta tqis il-valur tal-flus fid-dinja ekonomika ta` illum, il-Qorti thoss li ghandha takkorda kumpens ta` Lm2,000. Dan id-dejn, mahluq minn Rosaria Debono, hu, pero`, dejn tal-kommunjoni tal-akkwisti (artikolu 1327(c) tal-Kodici Civili), peress li nholoq fi zmien meta l-kommunjoni tal-akkwisti bejn John u Rosaria Debono kienet ghada tezisti. Kwindi, dan id-dejn irid jithallas kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenuta Celestina Camilleri (nofs bhala eredi ta` ommha u kwart bhala ko-eredi tal-wirt ta` missierha, li jerfa` l-piz ta` nofs dan id-dejn) u kwart mill-attur stess.

Ghalkemm il-konvenuta tecepixxi li l-kumpens ghandu jitqies ghall-perjodu ta` hames snin, din l-eccezzjoni, li probabbli kienet intiza bhala wahda ta` preskrizzjoni, ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni, peress li ma giex indikat l-artikolu tal-ligi li fuqa qed tibbaza l-eccezzjoni taghha. Kif qalet il-Qorti Civili tal-Magistrati fil-kawza <u>“Mizzi vs Bonello”</u>, deciza fit-18 ta` Gunju, 2003, il-Qorti ma tistax tidderimi eccezzjoni ta` preskrizzjoni jekk ma ssirx riferenza specifika ghall-artikolu tal-ligi invokat (ara wkoll <u>“Bonnici vs Montebello”</u>, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta` Gunju, 2004).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi previa li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa` in parte t-talbiet tal-atturi, u wara li tiddikjara li l-atturi rrendew servizzi kemm lill-Rosaria kif ukoll lill-John, mizzewgin Debono, tiddikjara li ebda kumpens ulterjuri ma hu dovut lill-atturi ghas-servigi minnhom resi lil John Debono, tiddikjara, min-naha l-ohra, li l-atturi haqhom kumpens ghas-servigi minnhom resi lil Rosaria Debono, u wara li tiddikjara li l-konvenuta Celestina Camilleri hija

responsabbli fi grad ta` tlett kwarti (3/4), ghal dan id-dejn, tikkundanna lill-konvenuta Celestina Camilleri thallas lill-atturi s-somma ta` Lm1,500 (elf u hames mitt lira Maltin) bhala kumpens ghas-servigi rezi lill-ommha Rosaria Debono.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta Celestina Camilleri.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------